**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr. MONICA VELLA LL.D., M.Jur**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Shaun Friggieri)**

**Vs.**

**Roderick Vella**

**Kumpilazzjoni Numru: 488/2018**

**Illum, 17 ta' Settembru, 2020**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra

"**Roderick Vella**, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 420585M;

Billi inti akkuzat talli nhar is-26 ta' Marzu 2018 u fil-granet sussegwenti li jigu wara, f' dawn il-gzejjer;

- Ikkommettejt serq ta' 'Mobile Phone' tal-ghamla Samsung S8 bin-numru tal-'IMEI' 358793086907282

liema serq huwa aggravat bil-valur, u bil-persuna, ghad-dannu tal-kumpanija Melita plc., u/jew Jurgen Paul Agius u/jew persuni ohra;

- Approprijajt ruhek, billi dawwart bi profitt ghalik jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li tkun giet fdata jew ikkunsinnata lilek taht obbligu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, maghmul fuq haga fdata jew ikkunsinata lilek minhabba kariga jew servizz tieghek, li jammonta ghal aktar min €500 imma inqas minn €5000 ghad-dannu tal-kumpanija Melita plc., u/jew Jurgen Paul Agius u/jew persuni ohra;

- U aktar talli irrenda ruhu recidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li gie misjub hati b'sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat il-fedina penali tal-imputat.

Semghat ix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

**Fatti:**

L-imputat kien jahdem bhala security officer u parti minn xoghlu kien li jigbor affarijiet minn ghand il-klijenti u jikkonsenjahom fil-post indikat bhala post ta' konsenja, inkella jehodhom fuq il-post tax-xoghol tieghu fejn jigu depozitati ma' Joe Galea fl-ufficcju tieghu, minn fejn imbaghad kienu jigu mqassma fil-post ta' konsenja taghhom.

**Akkuzi fil-qosor:**

Illi l-imputat huwa akkuzat:

1. B'serq ta' mobile ghad-dannu ta' terzi fl-ammont bejn €500 u €5,000 aggravat bil-valur u bil-persuna; u
2. B'mizappropjazzjoni indebita ta' haga fdata lilu minhabba l-kariga jew servizz tieghu fl-ammont bejn €500 u €5,000 a dannu ta' terzi; u
3. Li rrenda ruhu recidiv.

**Provi:**

Xehed **Joseph Saliba** rapprezentant tal-*Jobs Plus* fejn spjega li Roderick Vella kien irregistrat li hadem bhala *security officer* fuq bazi *part time* ma' Vigil Services Limited bejn it-tmintax (18) ta' Awissu tas-sena elfejn u hmistax (2015) sal-wiehed u tletin (31) ta' Marzu tas-sena elfejn u tmintax (2018), kif ukoll kien irregistrat bhala *full time* ma' Security Services Malta Limited

bejn it-tmintax (18) ta' Awissu tas-sena elfejn u hmistax (2015) sal-wiehed u tletin (31) ta' Marzu tas-sena elfejn u tmintax (2018).

**Marisa Gauci** in rapprezentanza tal-Vodafone Limited prezentat CD li fiha hemm indikat registration detail, call profile u pairing tan-numru 99667858.

Xehed **Joseph Psaila** bhala rapprezentant ta' Security Services Malta fejn spjega li l-Facility Manager tal-Melita, is-sur Jurgen Agius, kien baghtlu *email* fis-sebgha (7) ta' Mejju 2018 dwar mobile phone tat-tip Samsung S8 li gie nieqes u li kien ingabar minn Roderick Vella li dak iz-zmien kien impjegat ma' Security Services Malta. Is-Sur Psaila xehed li hu informa l-assistant manager tieghu dwar dan il-kaz u fil-hdax (11) ta' Mejju 2018 intbaghtet email lil Roderick Vella biex jaghti statement, liema email giet imwiegba nhar it-tletin (30) ta' Mejju 2018. Spjega li hu kien anke cempel lill-imputat dwar dan il-kaz fis-seba' (7) ta' Mejju 2018.

Is-Sur Joseph Psaila qara l-istatement ta' l-imputat, fejn dan ta' l-ahhar stqarr li hu kellu jigbor iPhone 6 minn Hal Ghaxaq izda l-klijent kien tah Samsung S8 biex jiehdu tas-Sliema u peress li kien wasal il-hin tat-tmiem tax-*shift* tieghu hu halla l-mobile gol-kaxxa go basket blue tal-Melita fl-ufficcju ta' Joe Galea.

Mistoqsi dwar l-impjieg ta' l-imputat, ix-xhud ikkonferma li dan ta' l-ahhar kien jahdem mal-

kumpanija Security Services Malta Ltd fuq bazi full time bejn it-tmintax (18) ta'Awwissu tas-sena elfejn u hmistax (2015) u l-wiehed u ghoxrin (21) ta' Marzu tas-sena elfejn u tmintax (2018) fejn imbaghad hadem bhala *part time courier* mal-istess kumpanija sat-tmintax (18) ta' Mejju ta' l-istess sena. Spjega li bhala courier ix-xoghol kien jitqassam direttament minn Melita plc u temm ix-xhieda tieghu billi qal li l-assistant Manager is-Sur Charles Micallef kien cempel lill-imputat dwar dan il-kaz fuq in-numru 99667858. L-istess Charles Micallef kien mghajjat mil-pulizija fl-ghassa ta' Hal Qormi dwar dan il-kaz.

**Jurgen Agius** rapprezentant tal-Melita plc stqarr li fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Marzu tas-sena elfejn u tmintax (2018) kellu jintbghat *mobile* mil-hanut ta' Hal Ghaxaq ghal tas-Sliema, fejn kien jintuza s-servizz ta' *courier* ta' Security Services Malta Ltd. Huwa kompla jghid li dan il-*mobile* baqa' jidher fis-sistema li telaq minn Hal Ghaxaq izda qatt ma wasal tas-Sliema. Ix-xhud tenna jghid li hu kien iccekkja ma' min kien jiehu hsieb il-*facilities* tal-Melita, u cioe' mas-sur Joe Galea, izda baqghu ma sabuhx, u kien ghalhekk li cemplu lill-imputat izda dan ta' l-ahhar kien qalilhom li hu hallieh fl-ufficcju ta' Joe Galea. Kompla jghid li huma minn naha taghhom ghamlu rapport lill-pulizija dwar dan il-*mobile* li gie identifikat fuq invoice permezz ta' l-IMEI number tieghu li huwa 358793086907282, *mobile* tat-tip Samsung S8 ta' valur sitt mija u hamsa u sebghin ewro (€675) bla VAT.

**Joe Galea**, impjegat mal-Melita plc u responsabbli ghal security, messaggiera, karozzi, *printings*, *stationery*, *maintenance* spjega li Jurgen Agius kien infurmah li mobile partikolari gie nieqes u meta ccekkja rrizultalu li l-imputat Vella kien xoghol dak inhar. Joe Galea qal li jiftakar li nhar is-sitta u ghoxrin (26) ta' Marzu tas-sena elfejn u tmintax (2018) Roderick Vella kien dahal fl-ufficcju tieghu izda ma kien tah xejn. Spjega li l-procedura adotta kienet li meta kienu jtuh xi *mobiles* kien jpoggiehom fis-safe pero stqarr li jiftakar li dak inhar Roderick Vella dahal u hareg mil-ufficcju minghajr ma kien baghat ghalih hu.

**Charles Micallef** fil-kapacita' tieghu ta' assistant manager tal-kumpanija Security Services Malta Limited xehed li fis-seba' (7) ta' Mejju tas-sena elfejn u tmintax (2018) gie infurmat minn Melita plc li nhar is-sitta u ghoxrin (26) ta' Marzu ta' l-istess sena, wiehed mil-messaggiera tal-kumpanija taghhom kien gabar *mobile* u dan ma rritornahx lura fil-lokalita' ta' tas-Sliema jew fil-*head office*. Ix-xhud spjega li huwa vverifika min kien xoghol u rrizulta li kien l-imputat Roderick Vella u talab lil dan ta' l-ahhar jaghtih il-verzjoni tieghu. Spjega li l-imputat kien qallu li halla l-*mobile* fl-ufficju tal-Melita. Meta mistoqsi fuq liema numru hu kien ikkuntattja lil Roderick Vella, is-sur Micallef wiegeb li hu spiss kien jikkuntattjah fuq in-numru 99667858, u dejjem lilu kellem fuq dan in-numru.

**PS362 Wayne Borg** spjega li kien dahal rapport fl-ghassa ta' Birkirkara minn Jurgen Agius fil-kapacita'

tieghu ta' rapprezentant tal-Melita dwar *mobile* ta' l-ghamla Samsung S8 li kien gie nieqes. Spjega li hu kien ghadda r-rapport lill-Ghassa ta' Hal Qormi peress li l-Imriehel jaqa' taht Hal Qormi filwaqt li kompla jispjega li kienu talbu xi *service providers* biex jaraw il-*mobile* kienx gie attivat u rrizulta li kien gie attivat bin-numru ta' Rodaerick Vella. Spjega li sussegwentament huwa kien bghat ghall-imputat fejn staqsieh dwar dan il-*mobile* u kien infurmat mill-istess Roderick Vella li kien qieghed juza dak in-numru tal-mobile peress li kien security mal-Melita izda li l-*mobile* ma kienx ghandu.

Ix-xhud spjega wkoll li fir-rapport is-sur Jurgen Agius kien spjegalu li l-*mobile* kien ingabar minn Hal Ghaxaq izda qatt ma wasal tas-Sliema, izda skont is-sur Charles Micallef, l-assistant manager ta' Security Services Malta Limited, Roderick Vella kien qallu li kien halla dak il-*mobile* fl-ufficju tal-Melita.

**PC1397 Ludvic Farrugia** xehed li hu kien xhud ghal *statement* li ta l-imputat nhar is-sebgha u ghoxrin (27) ta' Lulju tas-sena elfejn u tmintax (2018), fejn wara li inghata d-drittijiet kollha tieghu, liema drittijiet huwa rrifjuta, u ipprezenta fl-atti tal-kawza dikjarazzjoni ffirmata. Ix-xhud spjega li huwa kien hareg ircevuta[1] fuq il-*mobile* li kien fil-pussess ta' Roderick Vella liema *mobile* kien *Samsung Duos* li kellu *broken screen* bis-*sim card Vodafone* bin-numru 99667858.

[1] A folio 64 tal-process.

Fuq talba tal-Prosekuzzjoni ghal hatra ta' espert sabiex ikun jista' jezamina r-rapport tal-Vodafone u Melita, u sabiex jezamina l-mobile ezebit u SIM card, din il-Qorti hatret lil Anthony Spiteri ghal dan il-ghan nhar l-14 ta' Marzu, 2019.

**Anthony Spiteri** xehed nhar il-15 ta' Mejju, 2019 fejn spjega li mill-analizi tieghu n-numru 99667858 jghajjat lil certu Roderick Vella biil-karta ta' l-identita; numru 420585M u dan skont il-kumpanija Vodafone. Spjega ulterjorament li s-*SIM card* abbinata ma' dan in-numru intuzat fuq il-mobile bl-IMEI 358793086907282 li hu allegattament misruq kif ukoll fuq il-mobile li kien inghata lilu biex issir analizi fuqu.

**L-imputat Roderick Vella** xehed nhar it-22 ta' Jannar, 2020 fejn spjega li meta kien jahdem ma' Security Services Malta Limited gieli kien jaghmel xoghol ta' messaggier u f'wahda mil-granet li kien xoghol bhala messaggier mal-Melita kien gabar karta b'dak li kellu jaghmel mil-istabbiliment ta' l-Imriehel fejn fuq il-karta kellu miktub li kellu jigbor iPhone 6 minn Hal Ghaxaq u jiehdu tas-Sliema. Kompla jghid li meta mar Hal-Ghaxaq qalulu li mhux iPhone 6 izda Samsung Galaxy S8, ha dan il-*mobile* u peress li kien sarlu l-hin hadu l-Imriehel fl-ufficju tas-sur Joe Galea. Spjega li qabel hareg mil-ufficcju tas-sur Galea huwa kien qallu li halla l-*mobile* hemm u s-sur Galea kien irrispondieh billi qallu "iva f'idi".

L-imputat stqarr li dakinhar kienet l-ahhar gurnata tax-xoghol tieghu ma' Security Services Malta Limited ghax kien sab xoghol ahjar. Roderick Vella kompla ix-xhieda tieghu billi qal li wara tlett ijiem cempillu Jurgen Agius mil-Melita li informah bil-*mobile* nieqes u hu qallu li hallieh fl-ufficju tas-sur Joe Galea u kien ta il-verzjoni tieghu.

**In kontro ezami** l-imputat qal li hu kellu in-numru 99667858 ghal madwar tnax (12) il-sena. Mistoqsi dwar il-*mobile* tieghu, huwa tenna li l-*mobile* tieghu u cioe' s-Samsung Galaxy Grand kien ipprezentat lill-Qorti. Roderick Vella xehed li kellu hafna *mobiles* izda ma kellux Samsung Galaxy S8. Xehed ukoll li ma jafx kif is-SIM card tieghu giet abbinata ma' l-IMEI tal-*mobile* allegatament misruq. Ulterjorament, mistoqsi jekk kienx biddel SIM card, huwa wiegeb fl-affermattiv. Roderick Vella temm ix-xhieda tieghu billi qal li kien halla l-*mobile* go kaxxa issiggilata fl-ufficcju ta' Joe Galea.

**Ikkunsidrat:**

Illi b'referenza ghall-Ewwel Imputazzjoni, il-Qorti ser terga' tikkunsidra l-provi saljenti fosthom dawk li permezz taghhom tigi kontradetta l-verzjoni tal-imputat; verzjoni li kif ser jintwera m'ghandhiex mis-sewwa u nieqsa mid-dovuta korroborazzjoni li f'dan il-kaz hu dak sal-grad ta' konvinciment minghajr dubju ragonevoli u cioe' minghajr dubju dettat mir-raguni, stante li hawn si tratta mill-kamp kriminali.

Tenut kont tax-xhieda ta' Anthony Spiteri, il-Qorti hi altru milli soddisfatta li l-mobile li kien gie nieqes kien jinsab proprju ghand l-imputat u dan qieghed jinghad specjalment minhabba l-fatt li kif xehed l-Espert stess, jirrizulta li s-SIM card tal-imputat intuzat fuq l-IMEI tal-mobile misruq.

Kif intwera fil-kors tal-interrogazzjoni tieghu, Vella ma joffri ebda spjegazzjoni li ghandha mis-sewwa, tant li meta gie rinfaccat bil-mistoqsija ta' kif qed isiru telefonati mill-mobile misruq u li tali mobile qieghed ghandu, huwa rrisponda billi qal 'ma nafx'[2] izda minkejja kollox baqa' jinsisti li hu halla l-mobile li kien gabar minn Hal Ghaxaq gewwa l-ufficcju ta' Joe Galea fl-Imriehel. Jirrizulta li l-imputat sab diffikulta' kbira jispjega dak li kien qieghed jigi rinfaccat bih. Jichad li saret telefonata ma' Lawrence Sammut, meta l-provi kienu evidenti u jichad ulterjorament li l-mobile kien ghandu minkejja kollox:

*M: Il-Pulizija tkellmet ma dan Lawrence Sammut fejn spjega li dan n-numru cioe' 99667858 dejjem tkellem mieghek kull meta cemepl fuqu jew ircieva telefonata minnhu. Din it-telefonata saret mill IMEI number tas-Samsung S8 li kien irrapurtat misruq kif tispjega dan?*

*T: Jien qas niftakar li cempiltlu*

*M: Inti l-mobile qied ghandek jew tghajtu lil xi hadd?*

*T: Le sir, mhux ghandi*

*M: Inti l-mobile hadtu mieghek u dahhalt is-SIM card go fih?*

[2] A folio 5 tal-process.

*T:	Le sir*

*M:	Jekk nghidlek li min dawn id-dettalji li qed nurik tat-telefonati jider li inti kont qed tuza dan il-mobile, kif ukoll mix-xhieda li ingabret kull meta cemplu fuq dan in-numru kellmu lilhekk, kif tispjega dan?*

*T:	Jiena ma nafx li dahhalt dak it-tip ta' SIM card, u lanqas li cempiltilhom.*

*M:	Inti il-mobile Samsung S8 xtrajtu minghand xi hadd?*

*T:	Le sir*[3]*.*

**L-Ewwel Akkuza**

**Gurisprudenza Applikabbli**

Fis-sentenza **Il-Pulizia vs Tyrone Pace** gie kkunsidrat[4] is-segwenti

*Fil-kawza bl-ismijiet* ***Pulizija v Paul Grech*** *deciza mill-* ***Qorti tal-Appell*** *fis-sitta (6) ta' April tas-sena elfejn u wieħed (2001) intqal illi:*

*"l-provi fil-kamp kriminali jistghu jkunu kemm diretti u kif ukoll indizjali, basta dawn ikunu sufficjenti biex inisslu konvinciment morali f'mohh il-gudikant lil hinn minn kull dubju ragjonevoli mir-reita' ta' l-imputat."*

*Ugwalment fil-kawza bl-ismijiet* ***Pulizija v James Abela*** *deciza wkoll mill-****Qorti tal-Appell*** *fil-ħdax (11) ta' Lulju elfejn u tnejn (2002) gie ddikjarat illi:*

[3] A folio 5 tal-process

[4] Qorti tal-Magistrati (Malta); Per Magistrat Dr. Claire Stafrace Zammit, Deciza 10 t'Ottubru, 2016

*“In kwantu d-dottrina tar-”res ipsa loquitur” timporta xi spostament tal-oneru tal-prova, tali dottrina ma tista’ qatt issib post fil-kamp penali. In kwantu, pero’, b’ “res ipsa loquitur” wiehed jifhem biss li l-fatti - inkluzi provi indizjarji - “circumstantial evidence” - ikunu tali li l-gudikant ihossu moralment konvint li jista’ jigbed certi konkluzjonijiet minn dawk il-fatti, allura wiehed m’ghandux jitkellem dwar “res ipsa loquitur” izda dwar dak li fid-dottrina Ingliza jissejhu “presumptions of fact”....F’materja ta’ incidenti stradali il-provi indizjarji hafna drabi jista’ jkunu siewja ferm u xi drabi jistghu anki ikunu siewja ferm aktar minn dawk okulari li, kulltant jistghu ikunu biss soggettivi u kulltant, u x’aktarx iva milli le, ikunu kuluriti b’ dak li jissejjah “esprit de voiture”. Umbaghad fejn ma jkunx hemm xhieda okulari li jistghu jiddeskrivu jew jispjegaw dak li gara, dawn il-provi indizjarji, jistghu facilment u minghajr bzonn ta’ hafna tigbid, jaghtu stampa cara tad-dinamika tal- incident. S’intendi, bhal kull prova indiretta ohra, iridu jkunu tali li jwasslu ghal konkluzjoni univoka u li biha il-gudikant ikun moralment konvint lill hinn minn kull dubju dettat mir-raguni mill-htija jew responsabbilta’ kriminali tal-imputat jew akkuzat...hu dover tal-Qorti li tara jekk mill-assjem tal-provi cirkostanzjali jirrizultax b’mod li jkun sodisfatt il-konvinciment morali tal-gudikant sal-grad rikjest fil-process penali tirrizultax htija ta’ sewqan hazin”.*

*Finalment fid-decizjoni tal-**Qorti tal-Appell Superjuri** bl-ismijiet ir-**Repubblika ta' Malta v Angel sive Angelo Bajada** datata l-ħmistax (15) ta' Mejju tas-sena elfejn u disgħa (2009) gie ddikjarat illi:*

*"L-assjem tal-provi kien tali li a bazi tieghu l-gurati setghu ragonevolment u b'konvinciment morali trankwill ghall-aħħar jaslu għall-konkluzjoni la ma jemmnux dak li qed isostni l-apppellant u jsibu li l-provi jwasslu inekwivokabbilment ghall-ħtija tiegħu. L-indizji, biex jagħmlu prova, jeħtieg li jkunu univoci".*

*Illi guristi Inglizi bhal per ezempju Pollock C.B (Criminal Evidence (3rd Edition) [1995], Richard May (Sweet and Maxwell Criminal Practice) dahal fl-interpretazzjoni tal-apprezzament tal-prova cirkostanzjali u t-tifsira tal-univocita` u qal is-segwenti:*

*"It has been said that circumstantial evidence is to be considered as a chain, and each piece of evidence as a link in the chain, but that is not so, for then, if any one link broke, the chain would fall. It is more like the case of a rope comprised of several cords. One strand of cord might be insufficient to sustain the weight, but three stranded together may be quite of sufficient strength. Thus it may be in circumstantial evidence – there may be a combination of circumstances, no one of which would raise a reasonable conviction or more than a mere suspicion; but the whole taken together may create a conclusion of guilt with as much certainty as human affairs can require or admit of. . .".*

*Illi mhux kull prova cirkostanzjali hija ugwalment importanti u b'sahhitha. Ghandha tkun infatti d-diskrezzjoni tal-gudikant li jizen kull bicca ta' evidenza migjuba fil-proceduri biex tigi ghal konkluzjoni jekk il-prosekuzzjoni ppruvatx il-kaz taghha oltre d-dubju ragjonevoli. Illi huwa risaput illi bi provi cirkostanzjali wahedhom, f'certi kazijiet, jista' jkun hemm htija.*

*Illi l-gudikant ghandu jkollu s-serhan tal-mohh li anke jekk ikollu prova cirkostanzjali wahda, dina ghandha tkun bizzejjed sabiex ikollu l-konvinzjoni morali u legali li kollox jindika li l-imputat ikkommetta dak id-delitt.".*

Fuq dan l-insenjament, m'hemmx dubbju li diversi huma l-provi indizzjarji li jwasslu lil din il-Qorti sabiex issib htija f'Vella ghas-serq.

**L-Aggravju tal-Valur u Persuna**

**Artikolu 267 tal-kap 9** tal-Ligijiet ta' Malta jghid:

*Is-serq huwa ikkwalifikat bil-"valur", meta l-ħaġa misruqa tkun tiswa aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (232.94)*

**Artikolu 268 tal-kap 9** tal-Ligijiet ta' Malta jghid:

*Is-serq huwa ikkwalifikat bil-"persuna" –*

*(d) meta jsir minn apprendist, kumpann fix-xogħol, ħaddiem, professur, artista, suldat, baħri jew impjegat ieħor, fid-dar, fil-ħanut, fl-uffiċċju, fil-kwartier, fuq il-bastiment, jew f'post ieħor li fih ikun daħal minħabba s-sengħa, professjoni jew impieg tiegħu*

Il-Qorti tinnota li gie sodisfacentament ippruvat li l-imputat kien fuq il-qadi ta' dmirijietu meta kkommetta r-reat u li l-valur kien jeccedi dak kkontemplat mill-artiklu 267 u dan kif jirrizulta minn folio 45 u 46 tal-process.

**It-Tieni Akkuza**

**Gurisprudenza Applikabbli**

B'referenza ghat-tieni akkuza, il-Qorti taghmel referenza ghas- entenza moghtija mill-**Qorti tal-Appelli Kriminali** fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Enrico Petroni u Edwin Petroni** deciza fid-9 ta' Gunju 1998, il-Qorti ghaddiet sabiex elenkat l-element essenzjali li isawwru dana ir-reat:

*"Dana ir-reat isehh meta wiehed (1) jircevi flus jew xi haga ohra minghand xi hadd; (2) bl-obbligu li jrodd dawk il-flus jew dik ix-xi haga lura jew li jaghmel uzu minnhom b'mod specifiku; (3) u minflok ma jaghmel hekk idawwar dawk il-flus jew dak l-oggett bi profitt ghalih jew ghal haddiehor."*

Illi ghalhekk l-awtur ta' dana ir-reat irid ikollu l-intenzjoni specifika illi l-oggett li jigi fdat lilu u li jkun

qed jippossjedi ghal ghan specifiku, jigi imdawwar minnu daqs li kieku huwa l-proprjetarju u jaghmel uzu minnu jew jiddisponi minnu bi profitt ghalih jew ghal haddiehor.

Illi kif jispjega l-awtur **Francesco Antolisei**: *"La vera essenza del reato [di appropriazione indebita] consiste nell'abuso del possessore, il quale dispone della cosa come se ne fosse proprietario (uti dominus). Egli assume, si arroga poteri che spettano al proprietario e, esercitandoli, ne danneggia il patrimonio"* (Manuale di Diritto Penale, Giuffre` (Milano), 1986, Parte Speciale, Vol. 1, p. 276)17

Illi f'sentenza ohra deciza mill-**Qorti ta' l-Appelli Kriminali** fl-ismijiet **Il-Pulizija vs John Gauci** deciza fl-14 ta' Frar 1997, l-Qorti tispjega b'mod semplici l-elementi ta' dana ir-reat:

*"Minn ezami ta' l-artikolu 293 tal-Kodici Kriminali jidher car li wiehed mill-elementi essenzjali ta' l-approprjazzjoni indebita huwa kostitwit mill-frazi: "... taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu ... li jsir uzu minnha specifikat ...". Specifikat minn min? Ovvjament minn min ikun ikkonsenja l-haga lill-agent u minn hadd izjed. Hija l-persuna li tikkonsenja l-haga u hadd hliefha li jkollha jedd timponi l-obbligu ossia tispecifika lill-agent dwar kif ikollu jaghmel uzu mill-oggett ikkonsenjat lilu minnha. Jekk il-konsenjatur jaghti flus lill-agent biex dan bihom jixtrilu dar, l-agent jikkommetti r-reat ta' approprjazzjoni indebita jekk minflok jaghtihom karita'.*

*Jekk il-konsenjatur jaghti flus lill-agent biex dan jixtrihom armi bi skop ta' serq, l-agent ikun approprja ruhu mill-flus indebitament jekk jaghtihom karita', apparti l-kwistjoni tal-moralita'. Jekk jixtrihom armi, allura l-agent ikun ghamel uzu mill-flus kif specifikat. F'kull kaz, fl-indagini dwar il-htija jew le ta' approprjazzjoni indebita, ghandha ssir prova ta' l-uzu tal-haga specifikata mill-konsenjatur u prova ta' jekk l-agent ma ikunx ghamel mill-haga dak l-uzu jew uzu divers."*

Illi finalment dwar id-dolo mehtieg ghal kumissjoni ta' dana ir-reat il-Qorti taghmel pjena referenza ghal dak li qal il-gurista **Luigi Maino** fuq il-kuncett tad-dolo necessarju ghal ezistenza ta' dan r-reat. (Commento al Codice Italiano UTET (1922) Vol IV para 1951 pagna 105 – 106):

*"Finalmente, a costruire il delitto di appropriazione indebita e' necessario il dolo. Trattandosi di delitto contro la proprieta', a scopo d'indebito profitto per se' o per un terzo, il dolo sara' costituito dalla volontarieta', della conversione con scienza della sua illegittimita'e dal fine di lucro; onde colui che si appropria o rifiuta di consegnare, nella ragionevole opinione d'un diritto proprio da far valere, non commette reato per difetto di elemento intenzionale. Per la stessa ragione, e per difetto inoltre di elemento obiettivo, non incorrera in reato chi nel disporre della cosa altrui abbia avuto il consenso del proprietario o ragionevole opinione del consenso medesimo ... il dolo*

*speciale nel reato di appropriazione indebita e' [come nel furto e nella truffa] l'animo di lucro, che deve distinguere appunto il fatto delittuoso, il fatto penale, dal semplice fatto illegittimo, dalla violazione del contratto, dell'inadempimento della obbligazione: osservazione questa non inopportuna di fronte alle esagerazioni della giurisprudenza ed ai deviamenti della pratica giudiziale che diedero spesse volte l'esempio di contestazioni di indole civile trasportate affatto impropriamente in sede penale. Rettamente pertanto fu giudicato di non commettere appropriazione indebita [e neppure il delitto di ragion fattasi, per mancanza di violenza] il creditore che trattiene un oggetto di spettanza del suo debitore a garanzia del credito; l'operaio che avendo ricevuto materia prima da lavorare, si rifiuta, perche' non pagato dal committente, di proseguire nel lavoro e di rendere la materia ricevuta; l'incaricato di esigere l'importo di titoli, che non avendo potuto compiere tale esazione, trattiene i titoli a garanzia del dovutogli per le pratiche inútilmente fatte allo scopo di esigere. In generale la giurisprudenza e' costante nel richiedere come elemento costitutivo imprescindibile il dolo."*

Imbaghad fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Ivan Vella** il-**Qorti tal-Appell Kriminali** irriteniet hekk dwar ir-reat tal-misapproprazzjoni: *"jidher illi dana ir-reat huwa ibbazat fuq l-abbuz tal-fiducja li tkun giet fdata lill-agent. Dana l-abbuz jissarraf fil-fatt illi l-agent idawwar oggett li ikun gie fdat lilu ghal ghan specifikat f'uzu differenti minn dak patwit tal-oggett*

*ikkonsenjat, liema uzu divers madanakollu irid ikun sar b'mod intenzjonali mill-agent bl-ghan li jaghmel profit minnu ghalih innifsu. Dana l-agir minn naha tieghu ma iridx jammonta ghal semplicement uzu tal-oggett, izda l-agent irid iqies illi dak l-oggett sar proprjeta' tieghu u ghalhekk jaghmel uzu minnu bhala sid tieghu u dana bi profitt ghalih.*"

Mill-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni fuq esposti, l-elementi kollha ta' dan ir-reat kif rikjesti mil-ligi u abbraccjati mill-gurisprudenza jirrizultaw pruvati:

- L-imputat kien jahdem bhala security officer
- Parti minn xoghlu kien li jigbor oggetti minn ghand klijenti u jikkonsenjahom fil-post indikat lilu minn tali klijenti
- L-imputat gabar mobile phone mill-ufficcju tal-Melita izda naqas li jikkonsenjah fil-post indikat;
- Jghid li kien sar il-hin u minflok ikkonsenjah ghand il-kumpanija li kien jahdem maghha fl-ufficcju ta' Joe Galea u li dan qallu li se jiehu hsieb hu ("iva f'idi");
- Dan gie michud mill-imsemmi Joe Galea li jghid li jiftakar li l-imputat dahal u hareg mill-ufficcju tieghu izda ma halla xejn
- Jirrizulta li s-SIM card li tghajjat lill-imputat u appartenenti lill-imputat, kif anke jikkonferma l-imputat innifsu, intuzat fuq il-mobile li gie nieqes

- L-imputat ma jaghti l-ebda spjegazzjoni ghal dan
- L-imsemmi mobile qatt ma wasal fid-destinazzjoni tieghu
- L-imputat kien l-ahhar persuna li kellu f'idejh il-mobile
- L-ahhar uzu li sar mill-mobile irrizulta li sar mis-SIM card tal-imputat

Il-Qorti ghalhekk qeghda issib lill-imputat hati ta' din it-tieni akkuza.

**It-tielet Akkuza: Ir-Recediva**

L-Ufficjal Prosekutur esebixxa sentenza moghtija fit-18 ta' Jannar 2016 mill-Magistrat Dr. Donatella Frendo Dimech a folio 56 tal-process. Din tirrigwarda sejbien ta' htija fuq ksur tal-buon ordni, ngurji u theddid, vjolenza fuq il-persuna u li naqas milli jobdi l-ordnijiet legittimi.

**L-Artikolu 49 tal-Kapitolu 9** dwar ir-recidiva jghid hekk:

*49. (1) Persuna titqies reċidiva jekk, wara li tkun ġiet ikkundannata għal reat b'*sentenza*, ukoll meta mogħtija minn qorti barranija li tkun għaddiet f'ġudikat, tagħmel reat ieħor.*

*(2) F'xi proċeduri taħt jew għall-finijiet ta' dan l-artikolu, dokument, debitament awtentikat, li jiċċertifika li*

*persuna nstabet ħatja ta' reat kontra l-liġi ta' dak l-Istat jew parti minnu, fid-data speċifikata fid-dokument, għandu jkun ammissibbli bħala prova tal-fatt u tad-data tad-dikjarazzjoni ta' ħtija mingħajr ħtieġa ta' xi prova ulterjuri.*

*(3) Dokument għandu jitqies li hu debitament awtentikat jekk waħda minn dawn il-kondizzjonijiet li ġejjin tapplika: (a) jekk jidher li hu ffirmat minn imħallef, maġistrat jew uffiċjal tal-Istat fejn tkun ingħatat is-sentenza; jew (b) jekk jidher li hu ċċertifikat mill-Ministeru, dipartiment jew awtorità oħra responsabbli għall-ġustizzja jew għall-affarijiet barranin tal-Istat fejn tkun ingħatat is-sentenza, sew jekk ikun b'siġill u sew jekk le; jew (ċ) jekk jidher li hu awtentikat b'ġurament, stqarrija jew affermazzjoni ta' xhud.*

*(4) Kull dokument li jkun ser jintbagħat b'rabta mal-proċeduri taħt dan l-artikolu jista' jintbagħat b'kull mezz sigur li jkun kapaċi jipproduċi dokumentazzjoni bil-miktub u taħt kondizzjonijiet li jippermettu l-aċċertament tal-awtentiċità tiegħu.(5) F'dan l-artikolu, "ġurament" tinkludi affermazzjoni jew stqarrija; u xejn f'dan l-artikolu m'għandu jinftiehem li jippreġudika dokument li jkun ammissibbli bħala prova taħt xi dispożizzjoni oħra tal-liġi.*

**L-Artikolu 50 tal-Kapitolu 9 jghid:**

*"Meta persuna ikkundannata għal delitt, tagħmel delitt ieħor fi żmien għaxar snin minn dak in-nhar li tkun skontat jew tkun ġiet maħfura l-piena, jekk iż-żmien ta'*

*dik il-piena kien iżjed minn ħames snin, jew fi żmien ħames snin, fil-każijiet l-oħra kollha, tista' teħel piena akbar bi grad wieħed mill-piena stabbilita għal dak id-delitt ieħor."*.

F'dik is-sentenza l-konnotazzjonijiet tal-imputat huma l-istess bhal tal-imputat odjern u ghalhekk saret l-identifikazzjoni tal-imputat ai fini ta' recidiva.

Fl-imsemmija sentenza l-imputat gie ikkundannat multa ta' mitt Ewro (€100). Din il-Qorti ghalhekk ma hiex se tapplika z-zieda fil-piena ai termini tal-Artikolu 50 tal-Kapitolu 9.

**Piena**

Il-Qorti tqis li l-piena applikabbli ghall-ewwel imputazzjoni hi dik kontemplata fl-artikolu 279 u 280 tal-Kodici Kriminali li tfisser li il-piena hija ta' prigunerija ghal zmien minn hames xhur sa tliet snin, liema piena ma ghandhiex tinghata fil-minumu.

L-Artikolu 279(a) tal-Kap 9 jaqra hekk:

*"Il-ħati ta' serq ikkwalifikat bil-"valur" biss, jeħel –*
*(a) jekk il-valur tal-ħaġa misruqa ma jkunx iżjed minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), il-piena ta' priġunerija għal żmien minn ħames xhur sa tliet snin;*

L-Artiklu 280 (1) tal-Kap 9 jaqra hekk:

*"(1) Meta s-serq ikkwalifikat bil-"valur" ikun akkumpanjat b'waħda jew iżjed mill-kwalifiki l-oħra, iżda mhux b'dik tal-"vjolenza" jew tal-"mezz, il-ħati jeħel, skont il-każ, il-pieni msemmijin fl-aħħar artikolu qabel dan, iżda dawn ma jingħatawx fil-minimum tagħhom.*

Fir-rigward tat-tieni akkuza, l-Qorti tqis li l-piena applikabbli hija dik taht l-artikoli 293 u 294.

**L-Artikolu 293 jistipula s-segwenti:**

*"Kull min japproprja ruħu, billi jdawwar bi profitt għalih jew għal persuna oħra, minn ħaġa ta' ħaddieħor li tkun ġiet fdata jew ikkunsinnata lilu taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn tliet xhur sa tmintax-il xahar:*

*Iżda ebda proċediment kriminali ma jista' jinbeda għal dan id-delitt, ħlief bi kwerela tal-parti.*

**L-Artikolu 294 tal-Kap. 9 jistipula hekk:**

*"Madankollu, meta d-delitt imsemmi fl-aħħar artikolu qabel dan jiġi magħmul fuq ħaġa fdata jew ikkunsinnata lill-ħati minħabba l-professjoni, industrja, kummerċ, amministrazzjoni, kariga jew servizz tiegħu, jew minħabba depożitu neċessarju, l-azzjoni kriminali titmexxa ex officio, u l-piena tkun ta' priġunerija minn seba' xhur sa sentejn.".*

Issir riferenza ghall-konsiderazzjonijiet tal-**Qorti tal-Appell Kriminali** fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Anthony Cassar et** deciza mill-Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D fit-3 ta' Lulju, 2020

*Illi l-piena erogata trid tkun tali illi taghmel gustizzja u li tfittex li tohloq bilanc bejn il-gravita' tal-kaz u c-cirkostanzi attenwanti li jista' jkun hemm. Illi l-artikolu 142(1) tal-Criminal Justice Act 2003 fl-Ingilterra jistabbilixxi hames principji li ghandhom jigu segwiti fl-imposizzjoni tal-piena bhala:*

*(a) the punishment of offenders*
*(b) the reduction of crime (including its reduction by deterrence)*
*(c) the reform and rehabilitation of offenders*
*(d) the protection of the public*
*(e) the making of reparation by offenders to persons affected by their offence.*

*Illi allura min hu imsejjah biex jiggudika ma ghandux ihares biss l-interessi tal-persuna kkundannata izda ghandu jara illi jhares l-interessi tal-vittma jew vittmi tar-reat u s-socjeta in generali billi jaghti dik il-piena li ghandha isservi bhala kastig ghal min jikkometti r-reat, li tara li twassal ghat-tnaqqis tal-kummissjoni ta' reati ohra, li tista' twassal ghar-rijabilitazzjoni u r-riforma tal-hati, li taghti il-harsien mehtiega lil pubbliku u li l-hati jaghmel reparazzjoni ghal hazin li jkun ghamel.*

*Hu veru ukoll dak li qal l-insinji Leo Page fil-ktieb tieghu, The Problem of Punishment, fis-sens li –*

*' .... The selection of the best treatment of an offender is a much more difficult problem than the question of his guilt.'*

*Hu pero' ugwalment veru dak li inghad ghap-propositu tal-kwistjoni tal-piena fil-Criminal Law Review, July 1961, p.482 –*

*'The objects of which Judges commonly and properly have in mind, when imposing sentence, include not only the punishment and reformation of the offender, but also, and perhaps predominantly, the protection of the public.'*

*Mr. Justice Birkett, f'konferenza li hu ta taht l-awspicji tal-Clarke Hall Society, - li hi socjeta intiza ghat-trattament riformatiku tal-hati – intitolata 'Criminal Justice Problems and Punishment' qal hekk –*

*'The Court's primary consideration must be the welfare of the community. To fail to be severe in certain cases is to do wrong to the community and to injure its interests.'[Il-Pulizija vs Lorenzo Baldacchino]".*

Illi l-Qorti wara li hadet in kunsiderazzjoni n-natura tar-reati, il-gravita' tar-reati in partikolari l-fatt illi l-imputat kien fdat bil-haga u ghalhekk kiser ukoll dik il-fiducja li kien marbut biha fl-impjieg tieghu, ic-cirkostanzi tal-

kaz u l-fedina penali tal-imputat, il-Qorti tqis li ghandha tikkundanna lill-imputat ghal prigunerija effettiva.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti filwaqt li tillibera lill-imputat mit-tielet imputazzjoni, wara li rat l-artikoli 261, 267, 268, 279, 280, 293 u 294 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat hati ta' l-ewwel u tat-tieni imputazzjoni u tikkundannah ghal sitt (6) xhur prigunerija.

***(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D, M. Jur.***

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Registratur